MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1278/2008

**Il- Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Andrea Gatt**

Kumpilazjoni Numru: 1278/2008

Illum, 29 ta’ Dicembru, 2008,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza kontra l- imsemmi Andrea Gatt ta’ 29 sena, bin Carmelo u Leonora nee’ Grima, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Jannar 1979, residenti fi Progett ta’ Bieb il-Belt, Bieb 1,

Flat 6, Triq il-Kavallier ta' San Gwann, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 77679(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Diċembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, bħala *player* ta' St George's Football Club, aċċetta jew kiseb, jew ftiehem li jaċċetta jew jikseb, jew jipprova jikseb, mingħand xi persuna għalih innifsu jew għal xi persuna oħra, tkun min tkun, xi rigal jew kumpens, sabiex jitħajjar jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, ikun għamel jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa li l-egħmil jew in-nuqqas ta' l-egħmil tagħha huwa kontra l-interessi tan-naħa li jilgħab magħha, jew kontra l-interessi tal-persuna jew każin li jkun qabbdu jew li għalih ikun jidher.

Rat l-artikolu 3(1) tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha wahda n-natura tar-reat odjern u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' sena li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin, u ghal multa ta’ hames mitt Euro (Euro500) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6)xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------